KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

10 t'Ottubru 2011

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tat-Tnejn u Sittin (62) Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah it-Tnejn u Sittin (62) Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar it-Tnejn 3 t'Ottubru 2011 fl-4.00pm.**

It-Tnejn u Sittin (62) laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
3. Mistoqsijiet lis-Sindku
4. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
5. Ġenna ta' Ġonna …u ħafna aktar!
6. Dħul mis-Sistema tal-Infurzar Lokali
7. Bankini u asfaltar fi Triq l-Argotti/ Triq l-Iljun
8. Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali ta' Lejlet l-Ewwel tas-Sena
9. Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat 2012
10. Bdil ta' Bankini f'Balzunetta
11. Ġnien Vilhena
12. GARDMED
13. Għażla tal-offerti :
    FLC/Q/10/11 - Provvista u Twaħħil ta' strippi tad-dawl mal-loġoġ ta' Sant'Anna
    FLC/T/04/11 - Tender for the Supply of LED Lamps
    FLC/T/05/11 - Expertise in Tourism - GARDMED
    FLC/T/06/11 - Project Auditing Services – GARDMED
14. Asfaltar ta' Toroq
15. Ħwejjeg Oħra
16. Aġġornament tal-laqgħa

Ghat-Tnejn u Sittin (62) laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili u l-Kunsillier Vincent Borg flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Theuma.**
**Il-Vici Sindku Franco Davies attenda wara materja nru 2.10**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tal-wiehed u sittin (61) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2. Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ressqet il-korrezzjoni ta' materja nru. 2.8 li ghandha taqra "Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Floriana F.C. fejn offrew lill-Kunsill jghin fix-xoghol ta' kostruzzjoni li kien ser isir sabiex tizdied is-sigurta' fil-facilitajiet sportivi tal-Arena tal-Indipendenza."

1.3. Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru. 9.2 li ghandha taqra "Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq proposta biex il-Kunsill jimpjega tabib li jkun jista' jassisti lill-impjegati f'kaz ta' mard u f'kaz ta' sick leave."

1.4 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

2.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Sur Gordon John Manche fejn talab permess jorganizza gospel preaching fi Pjazza Papa Gwanni XXIII. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

2.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn informaw lill-Kunsill bi Skema ta' Finanzjament ta' Progetti Specjali 2011. Il-Kunsill qabel li ghandu jipproponi l-progett tal-ferrovija.

2.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand resident li talab li l-iskema ta' parkegg residenzjali tigi estiza ghall-weekends u anke ghal wara l-hamsa ta' filghaxija fi Triq San Tumas u l-akkwata. Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jestendi l-iskema minhabba li tali estensjoni kienet ser tohloq kemm konfuzjoni kif ukoll diffikulta' kemm lir-residenti kif ukoll lil dawk li jzuru lir-residenti tal-Floriana filghaxijiet u fi tmiem il-gimgha.

2.4 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Vikings Sailing Club li talbu li ssir No obstruction zone quddiem l-entratura taghhom. Il-Kunsill qabel li ssir Keep Clear quddiem l-entratura.

2.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza dwar talba biex issir zebra crossing fi Pjazza San Kalcidonju. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob parir minghand Transport Malta.

2.6 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn informaw lill-Kunsill bi Skema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2012. Il-Kunsill qabel li ghandu japplika ghal din l-iskema konguntament ma' wahda mill-ghaqdiet sportivi furjanizi. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jiehu decizjoni dwar l-attivita' li ser itella' iktar tard.

**Nota: 17:05 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**

2.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand id-Direttorat ghat-Tindif li nformaw li l-Kunsill kien gie mmultat €900 minhabba li t-tindif f'certu zoni kien naqas li jsir fiz-zmien stipulat. Il-Kunsill qabel li ghandu jimmulta lill-kuntrattur responsabbli mit-tindif l-ammont ta' €900.

2.8 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn informaw lill-Kunsill bi Skema ta' Attivitajiet fil-lokalitajiet b'risq il-Malta Community Chest Fund. Il-Kunsill qabel fil-principju izda qabel li ghandu jiddeciedi iktar tard fuq x'tip t'attivita' ser itella'.

**Nota: 17:10 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili rritornat ghal-laqgha.**

2.9 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien ghad m'hemm l-ebda risposta mill-Water Services Corporation rigward il-progett ta' resurfacing fi Triq l-Argotti u fi Triq l-Iljun. Il-Kunsill qabel li ghandu jerga jikkuntattjahom u jfakkarhom jibghatu l-estimi mitluba.

2.10 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Health Promotion Dept. fejn talbu li tizdied klassi ohra tal-aerobics. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

**Nota: 17:13 Il-Vici-Sindku Franco Davies attenda ghal-laqgha.**

2.11 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Alberta fejn issuggerew lill-Kunsill jixtri hamsin bollard minflok erbghin sabiex izommu l-istess rati tal-kwotazzjonijiet li hargu sena ilu. Il-Kunsill qabel li ghandu johrog sejha ghall-offerti ghall-bollards idjaq minhabba li l-bollards kwotati kienu wisghin iktar minn dak ippjanat.

2.12 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li nhar ta' Tnejn u nhar ta' Hamis, l-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill jibda jaccetta pagamenti ta' kontravvenzjonijiet sal-15.30. Il-Kunsill approva.

2.13 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Bee Insurance fejn talbu permess biex titwahhal tabella ta' punt t'assemblea f'kaz ta' emergenza fi Pjazza Papa Gwanni XXIII. Il-Kunsill qabel.

2.14 Is-Sindku Nigel Holland ressaq diversi kwotazzjonijiet ghall-bini tal-websajt tal-Kunsill Lokali Floriana. Il-Kunsill qabel li ghandu jmexxi bil-kwotazzjoni ta' SB Designs bil-prezz ta' €900.

2.15 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Floriana Day Centre fejn talbu permess biex jarmaw stand taht il-logog fi Triq Sant'Anna li minnha jqassmu xi leaflets edukattivi dwar is-sahha mentali. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

2.16 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li bhal kull sena, il-Kunsill jaghti xi kotba lit-tfal tal-iSkola Primarja. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

## 3.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

3.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-offerta' tal-Awtorita' tad-Djar li offrew li jaghtu garaxx lill-Kunsill u saqsa jekk il-Kunsill kienx ser jaccetta din l-offerta'. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill kellu l-ewwel jivverifika dwar kif dan il-garaxx kien ser jinghata, jigifieri jekk hux b'kera jew bejgh.

3.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-Memo Interna 491/05 u saqsa dwar diversi punti li hu hass li kienu ngusti. Huwa kompla jghid li hu kien saqsa l-mistoqsijiet kollha necessarji qabel ma ha decizjoni finali. Huwa qal ukoll li d-decizjoni mehuda ma kinietx responsabbilta' tieghu biss minhabba li diga kien hemm precedent ghal din id-decizjoni li kien sehh meta hu ma kienx ghadu fil-Kunsill. Is-Sindku wiegeb li dakinhar li kienet ittiehdet id-

decizjoni, lanqas hu ma seta’ jitqies responsabbli minhabba li hu wkoll ma kienx prezenti ghal dik il-laqgha. Is-Sindku wiegeb ukoll li hass li d-decizjoni mehuda mill-Kunsill fil-laqgha precedenti kienet ittiehdet b’mod legger minhabba li r-rakkomandazzjoni tas-Segretarju Ezekuttiv kellha tittiehed b’iktar serjeta’.

3.3 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ghamlet riferenza ghal dak li qal il-Kunsillier Vincent Borg u ziedet tghid li lanqas hi ma hasset li d-decizjoni mehuda kienet wahda irresponsabbli minhabba li t-teleworking kien dritt tal-impjegat moghti mill-Gvern u ma hassitx li kellha tkun hi li ccahhad lil xi hadd minn dan id-dritt.

## 4.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **57-05**, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

4.2 Skond l-artikolu 32 tal-Ordni Permanenti, is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni pagamenti li waslu wara li giet iccirkolata l-iskeda, indikati bhala cekk nru 9922 sa 9965.

4.3 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondat mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta’ kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 9922 sa 9965, bir-rizultat:

Favur: 5 (NH, SSH, FD, ET, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

4.4 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Sindku Nigel Holland u mill-Vici Sindku Franco Davies u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 5.0 Ġenna ta’ Ġonna …u ħafna aktar!

5.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li l-programm ghal din l-attivita’ kien gie ffinalizzat.

5.2 Il-Vici-Sindku Franco Davies informa lill-Kunsill bil-laqgha li kellu mas-Sur Paul Galea li hareg b’diversi rakkomandazzjonijiet u suggerimenti. Huwa kompla jghid li kien hemm bzonn li l-Kunsill jottjeni xi kwotazzjoniet ghat-tindif tal-mina tal-ferrovija sabiex tkun tista’ tinfetah ghall-attivita’ Genna ta’ Gonna... u hafna aktar!!. Il-Kunsill qabel.

## 6.0 Dħul mis-Sistema tal-Infurzar Lokali

6.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi nforma lill-Kunsill b’dak li ntqal fl-ahhar laqgha tar-Regjun Xlokk. Huwa kompla jghid li matul din il-laqgha, kien ippropona li d-dhul mic-citazzjonijiet jibqa’ jinghata lil-lokalita’ li fiha jkunu gew moghtija c-citazzjonijiet.

6.2 Is-Sindku kompla jghid li hu kien ser jibqa’ jinsisti dwar il-kwistjoni tad-dhul mic-citazzjonijiet dan minhabba li jekk id-dhul ma jibqax imur ghand il-kunsilli, din kienet ser tkun daqqa ta’ harta ghall-fondi ta’ dawk il-kunsilli li l-iktar kienu jiggeneraw citazzjonijiet specjalment fejn jidhlu l-ammont u l-kwalita’ tal-attivitajiet organizzati ta’ kull sena.

6.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona li l-Kunsill iwahhal ashtrays magenb l-istages kollha

tat-trasport pubbliku fil-Floriana minhabba li hafna individwi li jaghmlu uzu mit-trasport pubbliku kienu qed jarmu s-sigaretti mal-art. Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jwahhal ashtrays hdejn l-istages kollha izda qabel li ghandhom jintalbu kwotazzjonijiet biex jitwahhlu ashtrays magenb l-istages li hemm fi Triq Sant'Anna minhabba li dawn huma l-istages l-iktar iffrekwentati.

## 7.0 Bankini u asfaltar fi Triq l-Argotti/ Triq l-Iljun

7.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi saqsa lill-Kunsillier Edward Torpiano jekk kienx hemm xi zvilupp dwar il-bankini u l-asfaltar fi Triq l-Argotti/Triq l-Iljun

7.2 Il-Kunsillier Edward Torpiano wiegeb li kien qieghed f'kuntatt kontinwu mal-Housing Authority izda kien ghad m'hemm l-ebda risposta definittiva.

## 8.0 Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali ta' Lejlet l-Ewwel tas-Sena

8.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li l-programm ta' Celebrazzjonijiet Nazzjonali ta' Lejlet l-Ewwel tas-Sena kien kwazi gie ffinalizzat hlief ghal xi affarijiet zghar.

8.2 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghad-decizjoni tal-Kunsill li jinharaq xi nar minn Triq Sant'Anna. Huwa ppropona li l-Kunsill jahraq in-nar minn hdejn il-Bank Centrali minflok minn Triq Sant'Anna.

8.3 Is-Sindku nforma li t-tribute band tal-ABBA kienu nformaw lill-Kunsill li ma kienux ser igibu l-istrumenti maghhom u ghalhekk kien hemm bzonn li l-Kunsill jinghata lista tal-istrumenti li hemm bzonn jinkrew. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

8.4 Il-Kunsill qabel li ghandu jikkuntattja lill-Big Band Brothers u jtihom erbgha u ghoxrin siegha cans biex ituh l-ispecifikazzjonijiet tas-sound u l-armar li ser ikollhom bzonn dakinhar tal-attivita' sabiex tkun tista' tinhareg is-sejha ghall-offerti mill-aktar fis.

8.5 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bi kwotazzjoni ghall-pubblicita' ta' din l-attivita' fuq ir-radju. Il-Kunsill qabel fil-principju izda qabel li ghandu jikkuntattja lil dawn l-istazzjonijiet u jistaqsi jekk ghandomx xi offerti ohrajn.

## 9.0 Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat 2012

9.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bil-laqgha li kellu mar-rapprezentanti tal-kmamar tan-nar fejn hargu b'diversi suggerimenti u proposti ghall-edizzjoni li jmiss tal-festival.

9.2 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li fost dawn is-suggerimenti, hafna mir-rapprezentanti tal-kmamar tan-nar kienu talbu li l-loghob tan-nar li jittella' dakinhar ikun iktar simili ghal-loghob tan-nar Malti.

9.3 Huwa kompla jghid li r-rapprezentanti kienu ppoponew ukoll li bhala incentiv, il-Kunsill jaghti premju ikbar. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkunsidra x'jista' jsir biex jinghata premju ahjar.

9.4 Is-Segretarju Ezekuttiv gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li ghalkemm il-budget ghas-sena d-diehla kien ghadu ma sarx, kien hemm indikazzjonijiet cari li l-Kunsill ma kienx ser ikollu bizzejjed flus biex jorganizza progetti kapitali ohrajn minhabba li d-dhul mis-sistema tal-infurzar lokali kien ser jonqos, ladarba l-Kunsill irid jibqa' jorganizza attivitajiet kbar bhalma huwa l-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat.

## 10.0 Bdil ta' Bankini f'Balzunetta

10.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Kunsillier Vincent Borg jiftah id-diskussjoni minhabba li kien hu li talab li din il-materja titpogga fuq l-agenda.

10.2 Il-Kunsillier Vincent Borg fetah id-diskussjoni billi qal li ghalkemm ix-xoghol kien tlesta, kien hemm xi affarijiet li ma kienux saru kif mistennija, bhal perezempju rampa u targa li kienu saru f'nofs il-bankina. Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lill-kuntrattur biex dawn in-nuqqasijiet jigu rrangati mill-aktar fis.

10.3 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jitlob laqgha mal-Perit tal-Kunsill dwar ix-xoghol fuq il-bankini ta' Balzunetta u sabiex tinstab soluzzjoni ghall-parti msemmija f'10.2.

10.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona li titkompla l-parti l-ohra tal-bankina li ma kinietx saret. Il-Kunsill ma qabilx minhabba li din il-parti tal-bankina ma kinietx ilha li saret u ma kinietx fi stat hazin.

## 11.0 Ġnien Vilhena

11.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien hemm bzonn li l-Kunsill jiehu decizjoni fuq il-fanali li ser jinxtraw biex jitwahhlu fi Gnien Vilhena.

11.2 Wara li l-Kunsill qies l-alternattivi, il-Kunsill qabel li ghandhom jinxtraw fanali b'erbgha fanali 'l wiehed.

11.3 Il-Kunsill qabel li ghandu jaghti struzzjonijiet lill-Inginier biex ilesti t-tender document halli tohrog l-offerta'.

## 12.0 GARDMED

12.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lis-Segretarju Ezekuttiv jispjega f'iktar dettall din il-materja.

**Nota: 18:25 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

12.2 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill bil-laqgha li kienet saret mal-kumitat u li matulha kien gie deciz li l-konferenza ssir fl-ahhar tal-progett, jigifieri f'Ottubru tas-sena d-diehla.

12.3 Huwa kompla jghid li matul din il-laqgha kien gie deciz li l-Kunsill jorganizza sitt attivitajiet li jikkoncernaw il-gonna bit-temi li gejjin: l-attivita' ta' Genna ta' gonna…u hafna aktar!; fashion show; attivita' dwar l-ikel u l-kcina; muzika letterarja (poeziji u muzika relatati mal-gonna); tfal; arti u fotografija.

12.4 Il-Kunsill qabel li ghandu jiddeciedi iktar tard kif ser iqassam dawn l-attivitajiet li jridu jigu organizzati sa mhux aktar tard minn Lulju tas-sena d-diehla.

12.5 Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar fid-decizjoni biex hargu sejhiet ghall-offerti b'mod urgenti minhabba li l-progett GARDMED kellu dati stipulati, u kien hemm bzonn li johorgu s-sejhiet ghall-Awditur u Espert fit-turizmu, b'terminu tal-gheluq ta' anqas minn 30 jum. Il-Kunsill approva.

**Nota: 18:30 Is-Sindku Nigel Holland irritorna ghal-laqgha.**

12.6 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu johrog sejha ghall-offerti ghal impjieg ta' project administrator li jkun responsabbli minn dan il-progett.

## 13.0 Għażla tal-offerti :

### 13.1 FLC/Q/10/11 - Provvista u Twaħħil ta' strippi tad-dawl mal-loġoġ ta' Sant'Anna

13.1.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li wara konsultazzjoni mal-Enemalta, l-Kunsill ma kienx gie moghti l-permess li jghaddi cable iehor u b'hekk il-Kunsill kellu jipprocedi bl-installazzjoni ta' meter tad-dawl gdid.

13.1.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano biex tintaghzel l-offerta' tas-Sur Dion Galea fuq rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet l-orhos offerta', bir-rizultat kien:

Favur: 5 (SSH, ET, NH, FD, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

### 13.2 FLC/T/04/11 - Tender for the Supply of LED Lamps

13.2.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li wara l-laqgha li kellu mal-Inginier fejn gew analizzati l-offerenti kollha, kien irrizulta li offerent wiehed biss kien compliant ma' dak li kien gie mitlub fis-sejha tal-offerti, minhabba li l-offerti l-ohra kienu naqsu f'xi wahda mir-rekwiziti mitluba.

13.2.2 Il-Vici-Sindku Franco Davies ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano biex tintaghzel l-offerta' ta' Tabone Enterprises fuq rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Ghazla tal-Offerti peress li skont ir-rapport tal-Inginier, kienet l-unika offerta' mitfugha skont dak mitlub fit-tender, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (SSH, ET, NH, FD, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

### 13.3 FLC/T/05/11 - Expertise in Tourism – GARDMED

13.3.1 Il-Vici-Sindku Franco Davies ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano biex tintaghzel l-offerta' ta' HD Entertainment Ltd. fuq rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet l-unika offerta' u li l-prezz taghha kien "within budget" tal-progett, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (SSH, ET, NH, FD, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

### 13.4 FLC/T/06/11 - Project Auditing Services – GARDMED

13.4.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano biex tintaghzel l-offerta' ta' Busuttil & Micallef fuq rakkomandazzjoni tal-Bord

tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet l-unika offerta' u li l-prezz taghha kien "within budget" tal-progett, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (SSH, ET, NH, FD, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 14.0 Asfaltar ta' Toroq

14.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi saqsa dwar il-progress tax-xoghol tal-asfaltar tat-toroq.

14.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob lill-Perit tal-Kunsill jipprocedi biex jibda x-xoghol fi Pjazza Papa Gwanni XXIII wara li jkun ghamel stima preciza ta' kemm ser jigi jammonta x-xoghol.

## 15.0 Ħwejjeg Oħra

15,1 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghar-rapport tal-ispettur tal-Gvern rigward is-sigurta' fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V fejn qal li l-playing area ghandha tinghalaq ghas-sigurta' tat-tfal. Il-Kunsill qabel li ghandu l-ewwel jistenna r-rapport ufficjali tal-ispettur qabel ma tittiehed decizjoni.

15,2 Il-Kunsillier Edward Torpiano nforma lill-Kunsill li kien gie avvicinat minn resident li lmenta li t-trakkijiet li jmorru jhottu l-merkanzija fi Triq San Tumas kienu qed jitharrku minhabba li ma kienx hemm un/loading bay. Il-Kunsill qabel li ghandu jigbed l-attenzjoni tal-gwardjani lokali biex ikunu iktar ragjonevoli f'kazijiet simili.

15,3 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghac-cumnija tal-furnar li hemm fi Triq l-Isqof Mauro Caruana u saqsa jekk kienx hemm xi twegiba. Il-Vici-Sindku wiegeb li l-Kunsill kien ghamel ir-rapport tieghu lill-MEPA izda kien ghadu qatt ma rcieva risposta. Il-Kunsill qabel li ghandu jerga' jikkuntattja lill-MEPA biex jara f'hiex wasal ir-rapport.

15,4 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li hafna residenti kienu qed jistaqsu dwar it-tqassim tal-boroz tar-riciklagg u fakkret lis-Sindku li l-Greenpak kienu ghadhom qed jistennew il-messagg tieghu.

15.5 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li l-fanal li kien inqala minn fuq il-Fosos matul l-attivitajiet tal-Indipendenza kien ghadu ma twahhalx. Il-Kunsill qabel li ghandu jerga jikkuntattja lill-Enemalta u jinsisti li dan jitwahhal minnufih.

15.6 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li minndu kienet saret it-trinka tal-Enemalta fi Triq is-Suq, din il-parti tat-triq kienet qed izzomm hafna ilma. Il-Kunsill qabel li l-kunsillier responsabbli mix-xogholijiet tat-toroq ghandu jerga jikteb lill-Transport Malta u lill-kuntrattur li kien ghamel it-trinka biex tigi rrangata din il-parti tat-triq.

15.7 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li l-bar 22nd January kien qed jidhollu hafna ilma minhabba l-bankina ta' Triq San Publju. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob lill-Perit jaghmel spezzjoni u jaghti rakkomandazzjoni.

15.8 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Kunsill kien ircieva l-lista tal-pool tas-Segretarji Ezekuttivi. Il-Kunsill qabel li ghandu johrog sejha ghall-vakanza ta' Segretarju Ezekuttiv u jitlob CV's tal-applikanti, wara li s-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat kien ser jigi trasferit f'Kunsill Lokali iehor fuq talba tieghu.

15.9 Il-Kunsill qabel ukoll li s-Sur Kenneth Brincat jinhatar Agent Segretarju Ezekuttiv sakemm jinhatar Segretarju Ezekuttiv gdid.

**Nota: 19:15 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**
**19:15 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

## 16.0 Aġġornament tal-laqgħa

18.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar it-Tnejn 7 ta' Novembru 2011 fil-5.45pm.

Il-laqgha ntemmet fis-19.30.

Nigel Holland
Sindku

Kenneth Brincat
Segretarju Ezekuttiv